2026/2333

15.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/2333

tal-15 ta' Ottubru 2026

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 u tad-19 ta' Ġunju 2026, il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid l-appoġġ sod u persistenti tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-Unjoni ser tkompli tipprovdi, f'koordinazzjoni ma' sħab u alleati tal-istess fehma, appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku komprensiv lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha. Il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa l-eskalazzjoni serja mir-Russja, inkluż attakki bil-missili u bid-droni fuq skala kbira kontra persuni ċivili fl-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew esprima wkoll ir-rieda tal-Unjoni li żżid il-pressjoni fuq ir-Russja, inkluż billi tadotta aktar sanzjonijiet.

(3) Fid-dawl tal-aggressjoni kontinwa u li qed teskala tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kunsill iqis li huwa meħtieġ li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

(4) B'mod partikolari, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li tliet persuni u disa' entitajiet jiżdiedu fil-lista ta' persuni naturali u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-15 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

T. BYRNE

ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"2942.	Dmitry Mikhailovich CHUDOVSKY bir-Russu: Дмитрий Михайлович ЧУДОВСКИЙ	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' Movers Group LLC Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 780108433514 Entità assoċjata: Movers Group LLC	Dmitry Chudovsky huwa d-Direttur Ġenerali tal-kumpanija tal-konsenja ta' merkanzija Movers Group LLC, li topera wkoll bl-isem Movers Logistics LLC. Movers Group LLC hija kumpanija tal-konsenja ta' merkanzija bbażata fil-Federazzjoni Russa involuta fl-importazzjoni parallela fil-Federazzjoni Russa ta' oġġetti soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni. Fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali ta' Movers Group LLC, Dmitry Chudovsky huwa involut b'mod attiv fiċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni billi jiffaċilita t-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-konsenja ta' oġġetti projbiti tal-Unjoni lejn il-Federazzjoni Russa permezz ta' sħubijiet ma' pajjiżi terzi. Għalhekk, Dmitry Chudovsky qed ifixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.	15.10.2026
2943.	Ivanna Aleksandrovna SAVCHUK bir-Russu: Иванна, Александровна, САВЧУК	Funzjoni: Azzjonista ta' DT Inier LLC Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: (INN): 771533959565 Sit web: https://inier.ru/ Entità assoċjata: DT Inier LLC	Ivanna Savchuk hija azzjonista maġġoritarja ta' DT Inier LLC. Dik il-kumpanija hija aġent doganali Russu liċenzjat u operatur loġistiku b'ċiklu sħiħ. DT Inier LLC tirreklama soluzzjonijiet ta' 'akkwist lest għall-użu' imfassla biex jevitaw miżuri restrittivi tal-kummerċ internazzjonali għan-negozji Russi li jfittxu oġġetti barranin speċifiċi. DT Inier LLC hija involuta b'mod attiv fi skema deċentralizzata mmirata lejn iċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Permezz tan-network tagħha ta' kumpaniji fittizji internazzjonali, DT Inier LLC hija involuta fil-konsenja ta' oġġetti projbiti tal-Unjoni lejn il-Federazzjoni Russa. DT Inier LLC tassisti wkoll fil-koordinament tat-termini tat-tranżazzjoni u tiffaċilita l-ħlas fir-rigward tal-oġġetti nnegozjati. Għalhekk, Ivanna Savchuk qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.	15.10.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2944.	Svetlana Ivanovna GUMENYUK bir-Russu: Светлана Ивановна ГУМЕНЮК	Funzjoni: Direttur u Fundatur ta' PV Bridge LLC u United Stream LLC Nazzjonalità: Russa Sess: mara INN: 504792251110 Entitajiet assoċjati: United Stream LLC; PV Bridge LLC	Svetlana Gumenyuk hija d-Direttur u l-Fundatur ta' PV Bridge LLC u United Stream LLC. Dawk il-kumpaniji jipprovdu network ta' kumpaniji fittizji f'pajjiżi terzi, li jiffaċilitaw l-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet u l-importazzjoni bil-moħbi ta' oġġetti mill-Unjoni lejn il-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Svetlana Gumenyuk qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.	15.10.2026";

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1836.	Movers Group LLC magħrufa wkoll bħala Movers Logistics LLC bir-Russu: ООО 'МУВЕРС ГРУПП' magħrufa wkoll bħala ООО 'Муверс Логистикс'	Indirizz: 199226, St. Petersburg, Galerny passage, 5, building a, premises 21-n room. Nru 5 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 28.7.2017 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7805711641 OGRN: 1177847256608 KPP: 780101001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Indirizz elettroniku: client@movers-group.com Telefown: (+7 981) 011-32-73 Sit web: https://www.movers-group.com/ Individwu assoċjat: Dmitry Chudovsky	Movers Group LLC hija kumpanija tal-konsenja ta' merkanzija bbażata fil-Federazzjoni Russa. Permezz li torganizza t-trasport ta' oġġetti soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni lejn il-Federazzjoni Russa u tranżazzjonijiet finanzjarji relatati, Movers Group LLC hija involuta fl-importazzjoni parallela ta' oġġetti soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni fil-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Movers Group LLC qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.	15.10.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1837.	DT Inier LLC bir-Russu: ООО 'ДТ ИНЦЕТ'	Indirizz: Moscow, Altufyevsk highway, 44, Russian Federation; 180005, Pskov region, city Pskov, Zonal Highway, 46, office 11 special exhibition hall, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 22.10.2002 Numri tar-reġistrazzjoni: OGRN: 1027739430465 INN: 7713279799 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Indirizz elettroniku: inier@tdi.ru Telefown: +7 (495) 278-33-33; +7 (495) 278-77-77; (+7 499) 159-30-30 Sit web: https://inier.ru/	DT Inier LLC hija aġent doganali Russu liċenzjat u operatur loġistiku ta' ċiklu sħiħ. DT Inier LLC tirreklama soluzzjonijiet ta' 'akkwist lest għall-użu' imfassla biex jevitaw miżuri restrittivi tal-kummerċ internazzjonali għan-negozji Russi li jfittxu oġġetti barranin speċifiċi. DT Inier LLC hija involuta b'mod attiv fi skema deċentralizzata mmirata lejn iċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Permezz tan-network tagħha ta' kumpaniji fittizji internazzjonali, DT Inier LLC tiffaċilita l-importazzjoni ta' oġġetti soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni lejn il-Federazzjoni Russa billi torganizza u tiġġestixxi rotot ta' trasport indiretti permezz ta' pajjiżi terzi, akkumpanjati minn arranġamenti addizzjonali loġistiċi u ta' dokumentazzjoni. DT Inier LLC hija s-sid ta' mħażen fl-Ewropa, li minnhom joriġinaw ir-rotot tat-trasport. DT Inier LLC 'tassisti fil-koordinament tat-termini tat-tranżazzjoni u tiffaċilita l-pagament fir-rigward tal-oġġetti nnegozjati.' Għalhekk, DT Inier LLC qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.	15.10.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1838.	Begler Tekstil Insaat Elektronik ve Dis Ticaret Ltd. Sti Begler Tekstil İnşaat Elektronik ve Dış Ticaret Limited Şirketi (Ltd Şti)	Indirizz: Kemalpasa Mah. Aga Yokusu Sok. Nru: 19, Ic Kapi No: 105, Fatih, 34134 Istanbul, Türkiye Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Türkiye Numru tar-reġistrazzjoni: 341459-5 NIT: 9909652962 KPP: 770287001 Post Prinċipali tan-Negozju: Türkiye Sit web: https://beglercompany.com	Begler Tekstil Insaat Elektronik ve Dis Ticaret Ltd. Sti. hija kumpanija tal-kummerċ u tal-loġistika li topera permezz ta' network globali. Dik il-kumpanija hija involuta fil-kummerċ barrani u l-akkwist ta' prodotti lejn ir-Federazzjoni Russa.soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni. Għalhekk, Begler Tekstil Insaat Elektronik ve Dis Ticaret Ltd. Sti. qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.	15.10.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1839.	United Stream LLC bir-Russu: ООО 'Юнайтед Стрим'	Indirizz: Rubtsovaskaya embankment, 3 p. 1, room 7/1/5, 105082 Moscow City, Russian Federation; Chapaeva Street 15, Corp 2, lit V, 197046 Saint Petersburg, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 11.3.2026 NIT: 9701326060 OKPO: 58393990 OGRN: 1267700083529 KPP: 770101001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Indirizz elettroniku: pay2@unitedstream.ru Telefown: 8 800 550-65-93 Sit web: https://unitedstream.ru/	United Stream LLC hija kumpanija tas-servizzi finanzjarji rreġistrata fil-Federazzjoni Russa. Dik il-kumpanija taġixxi bħala aġent ta' pagament u intermedjarja għaċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi finanzjarji tal-Unjoni. United Stream LLC hija parti min-network tal-entità elenkata 'PV Bridge LLC', u ż-żewġ entitajiet jikkondividu l-istess ġestjoni u fundatur. Permezz tan-network tagħha ta' kumpaniji fittizji f'pajjiżi terzi, United Stream LLC tiffaċilita l-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet u l-importazzjoni bil-moħbi ta' oġġetti soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni mill-Unjoni lejn ir-Russja. Għalhekk, United Stream LLC qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.	15.10.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1840.	HURUS TRADE FZE	Indirizz: Dubai, United Arab Emirates Post tar-reġistrazzjoni: United Arab Emirates Post prinċipali tan-negozju: United Arab Emirates Individwi assoċjati: Tahir Garayev; Etibar Eyyub; Igor Sechin	HURUS TRADE FZE huwa intermedjarju kummerċjali fis-settur taż-żejt mhux maħdum, li jforni żejt mhux maħdum ta' oriġini Russa lill-Indja, b'mod partikolari lil Nayara Energy Limited, entità elenkata taħt il-miżuri restrittivi tal-Unjoni. HURUS TRADE FZE huwa marbut ma' network konness man-negozjantiAżerbajġani Etibar Eyyub u Tahir Garayev, it-tnejn elenkati taħt miżuri restrittivi tal-Unjoni. HURUS TRADE FZE jopera fis-settur tal-enerġija, li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, HURUS TRADE huwa entità involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	15.10.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1841.	Medse Group LLC Bit-Tork: Medse Group Saglik Insaat Ithalat Ihracat Ve Ticaret Limited Şirketi (Ltd Sti) bir-Russu: ООО 'Мэдсе Груп'	Indirizz: Ostim OSB Mah. 100. Year Boulevard No: 55 B Blok 21 Numara Yenimahalle, 06374 Ankara, Türkiye Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Türkiye Data ta' reġistrazzjoni: 2020 Numru tar-reġistrazzjoni: 469300 Identifikazzjoni tat-Taxxa: 61415256212 Post prinċipali tan-negozju: Türkiye Indirizz elettroniku: info@medsegroup.com Telefown: (+90 501) 349-61-14 Sit web: https://medsegroup.com; https://xn–c1abd0asfet8f.xn–p1ai/; https://мэдсегруп.рф	Medse Group LLC hija kumpanija tal-importazzjoni li topera permezz ta' network korporattiv globali f'diversi pajjiżi. Dik il-kumpanija hija involuta fl-akkwist u l-kummerċ barrani ta' prodotti soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Medse Group LLC hija involuta b'mod attiv fiċ-ċirkomvenzjoni ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni billi tiffaċilita tranżazzjonijiet finanzjarji internazzjonali permezz ta' sħubijiet ma' istituzzjonijiet finanzjarji Russi ewlenin u tiffaċilita l-konsenja ta' oġġetti lejn il-Federazzjoni Russa li huma soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni. Għalhekk, Medse Group LLC qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.	15.10.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1842.	DIS Logistics DMCC	Indirizz: Unit 1302-D3, Tiffany Towers, Plot JLT-PH2-W2A, Jumeirah Lakes Towers, Dubai, United Arab Emirates Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: United Arab Emirates Data ta' reġistrazzjoni: 22.7.2020 Post prinċipali tan-negozju: United Arab Emirates	DIS Logistics DMCC hija kumpanija bbażata f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda. Dik il-kumpanija tiġġestixxi bastimenti li huma parti mill-flotta mistura Russa involuti fit-trasport ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa filwaqt li jwettqu prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli, bħan-navigazzjoni mingħajr sinjal tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika (AIS). Għalhekk, DIS Logistics DMCC tiġġestixxi bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw fir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja u li jwettqu prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	15.10.2026
1843.	Vigor Marine Services LLP	Indirizz: Shop 113, Plot 9, Bhoomi Mall, Sector 15, CBD Belapur, Mumbai, 400614, India Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: India Data ta' reġistrazzjoni: 2024 Post prinċipali tan-negozju: India	Vigor Marine Services LLP hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata f'Mumbai, l-Indja. Dik il-kumpanija hija l-maniġer ta' żewġ bastimenti involuti fit-trasport ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa u li jwettqu prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli, bħan-nuqqas ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà adegwata, jinvolvu ruħhom fi trasferimenti minn vapur għal vapur u jimmanipulaw is-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika tal-bastimenti. Għalhekk, Vigor Marine Services LLP tiġġestixxi u topera bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw fir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja u li jwettqu prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	15.10.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1844.	Shiva Shipping Ltd	Indirizz: Aarti Chambers, 102, La Ciotat, Mont Fleuri, Mahe Island, Seychelles Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Seychelles Numru tar-reġistrazzjoni: 0137837	Shiva Shipping Ltd hija kumpanija stabbilita fil-Gżira ta' Mahe, is-Seychelles. Dik il-kumpanija hija s-sid u l-maniġer irreġistrat ta' bastiment involut fit-trasport ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa u li jwettaq prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli, bħan-nuqqas ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà adegwata u n-nuqqas ta' operazzjoni taħt politika trasparenti ta' governanza korporattiva. Għalhekk, Shiva Shipping Ltd hija s-sid ta' u tiġġestixxi bastiment li jittrasporta żejt mhux maħdum li joriġina fir-Russja u li jwettaq prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192 (33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	15.10.2026".